

Rikors ippreżentat fit-13 ta' Lulju 2023 – Imerys Aluminates Groupe vs Il-Kummissjoni**(Kawża T-391/23)**

(2023/C 314/19)

*Lingwa tal-kawża: il-Françiz***Partijiet**

Rikorrent: Imerys Aluminates Groupe (Pariġi, Franza) (rappreżentant: Y. Martinet, avukat)

Konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ĝeneralni jogħġobha:

- tikkonstata li l-Kummissjoni Ewropea, f'dokument imsejjaħ “Frequently Asked Questions on Free Allocation Rules for the EU ETS post 2020” (Mistoqsijiet li Jsiru Spiss dwar Regoli ta’ Allokazzjoni B’Xejn fl-Unjoni Ewropea wara l-2020), bid-data tat-22 ta’ Lulju 2019, adottat interpretazzjoni li taffettwa ħażin lir-rikorrenti u li torbot lill-Istati Membri, kif interpretata mill-Conseil d’État (il-Kunsill tal-Istat, Franza) (qorti nazzjonali tal-aħħar istanza);
- tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea tikkumpensa d-dannu subit mill-kumpannija Imerys Aluminates minħabba l-adozzjoni tad-dokument imsejjaħ “Frequently Asked Questions on Free Allocation Rules for the EU ETS post 2020” (Mistoqsijiet li Jsiru Spiss dwar Regoli ta’ Allokazzjoni B’Xejn fl-Unjoni Ewropea wara l-2020), bid-data tat-22 ta’ Lulju 2019, li jammontaw għal EUR 40 075 347;
- tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż kollha.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-riktors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv, ibbażat fuq nuqqas imwettaq mill-Kummissjoni li jirriżulta mill-adozzjoni ta’ dokument tat-22 ta’ Lulju 2019 intitolat “Frequently Asked Questions on Free Allocation Rules for the EU ETS post 2020” (Mistoqsijiet li Jsiru Spiss dwar Regoli ta’ Allokazzjoni B’Xejn fl-Unjoni Ewropea wara l-2020, iktar ‘il quddiem il-“FAQ”). Dan il-motiv huwa maqsum fi tliet partijiet.
 - L-ewwel parti, ibbażata fuq il-ksur tal-prinċipju tal-aspettattivi leġittimi.
 - It-tieni parti, ibbażata fuq il-ksur tal-prinċipju taċ-ċertezza legali.
 - It-tielet parti, ibbażata fuq il-ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni ta’ Aarhus.
2. It-tieni motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju taċ-ċertezza legali fil-każ li r-Regolament ta’ Implementazzjoni (UE) 2021/1447 tat-12 ta’ Marzu 2021 li jiddetermina l-valuri riveduti tal-parametri referenzjarji għall-allokazzjoni bla ġħlas tal-kwoti tal-emissionijiet għall-perjodu mill-2021 sal-2025 skont l-Artikolu 10a(2) tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (⁽¹⁾) għandu jiġi interpretat bħala li jistabbilixxi b'mod impliċitu r-regoli ta’ interpretazzjoni espliċitament stipulati fil-FAQ bid-data tat-22 ta’ Lulju 2019.

⁽¹⁾ ĠU 2021, L 87, p. 29.**Rikors ippreżentat fl-14 ta’ Lulju 2023 – Stada Arzneimittel v EUIPO – Bioiberica (DAOgest)****(Kawża T-396/23)**

(2023/C 314/20)

*Lingwa tar-riktors: l-Ingliż***Partijiet**

Rikorrenti: Stada Arzneimittel AG (Bad Vilbel, il-Ġermanja) (rappreżentanti: J.-C. Plate, R. Kaase u K. Schmid-Burgk, lawyers)